# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1297/00**

**Numru 27**

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Chris u Maria konjugi Frendo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin liri Maltin u erba u disghin centezmu (Lm653.94) import ta' 14 il-kambjali annessi mal-avviz u markati Dok 1 sa Dok 14, mill-konvenuti accettati u ffirmati, li d-data ta' maturita taghhom skadiet.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra nterpellatorja ammontanti ghal Lm5.75 kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-3 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi s-somma ta' Lm653.94,0 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm5.75,0 dovuta in rigward l-ittra interpellatorja imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg